**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 31 ta' Jannar 2025**

**Rikors Numru: 23/2025 MLF**

**Wara l-mandat ta' Sekwestru Ezekuttiv Numru 381/2019 akkordat fit-22 ta' Frar 2019 fl-ismijiet:**

**KLIKK Finance PLC (formerly BOE Finance Limited)**

**vs**

**Jael Spiteri**

Il-Qorti

1. Rat ir-rikors ta' Jael Spiteri tad-9 ta' Jannar 2025 fejn talbet il-hrug tal-kontro-mandat opportun ghal mandat ta' sekwestru ezekuttiv fl-ismijiet premessi, stante pagament ghas-saldu ta' kwalunkwe pretensjoni ta' KLIKK Finance plc fil-konfront ta' Jael Spiteri (ircevuta annessa mar-rikors u mmarkata bhala Dok A).

2. Rat li fis-seduta tal-lum is-socjeta intimata ma dehritx u lanqas prezentat provi, nonstante li giet debitament notifikata.

3. Rat l-atti kollha ta' din il-procedura u d-dokumenti ipprezentati.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

4. Il-mandat ta' sekwestru ezekuttiv inhareg ghall-ammont globali ta' tmien mija wiehed u hamsin Euro u hamsa u sebghin centezmu (€851.75).

5. Mill-ircevuta annessa ma' dan ir-rikors jirrizulta li r-rikorrenti hallset lis-socjeta intimata l-ammont ta' elf mija disgha u sebghin Euro u wiehed u hamsin centezmu (€1179.51) li hu ammont ikbar minn dak li ghalih inhareg il-mandat.

6. Ghaldaqstant it-talba tar-rikorrenti ghar-revoka tal-mandat hija gustikata.

**Konkluzjoni**

7. Konsegwentement, il-Qorti qed tilqa` t-talba ta' Jael Spiteri fir-rikors taghha tad-9 ta' Jannar 2025 ghal hrug tal-kontro-mandat ghal mandat ta' sekwestru ezekuttiv numru 381/2019 fl-ismijiet fuq premessi.

8. Tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, l-ispejjez in konnessjoni ma' dawn il-proceduri ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**